;

# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

It-tmien Leġiżlatura
Laqgħa Numru 10/2021

22 ta' Ottubru, 2021

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fis-5:00 pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Joanna Abdilla: | Kunsilliera |
| Publio Abdilla: | Kunsillier |
| Mark Cocker | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

10.1 **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

10.2 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

10.2.1 Is-Sindku qal li xtaq jagħti update ref punt 9.3.20 (arbuxelli fejn il-Kunsill) Huwa qal li flimkien mal-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla kienu ltaqgħu mal-persuna li ser tiżra' l-arbuxelli fuq il-post quddiem il-Kunsill. Is-Sindku qal li din il-persuna qalet li ħafna mis-siġar li għandna quddiem il-Kunsill huma invażivi u għalhekk qed jissuġġerixxi li jitneħħew ħafna minnhom. Is-Sindku qal li din l-operazzjoni l-aħjar li ssir hija f'Marzu li

ġej u nibdew inneħħu bil-mod is-siġar biex jinħoloq l-ispazju għal siġar u arbuxelli ġodda. Il-Kunsill qabel.

10.2.2 Il-Viċi Sindku qal li ref punt 9.2.21 (l-kittieb tal-poeziji) kien Jonathan Balzan.

10.2.3 Is-Sindku qal li l-kuntrattur tal-*Free Wifi* iffinanzjat mill-UE kien ġie imma minflok tliet *access points* il-Kunsill kien għamel żewġ points. Huwa spjega fejn ġew il-*points* tal-WiFi, jiġifieri wieħed fil-Kunsill li *wifi access point prinċipali* u l-*access point* oħra saret fil-Ġnien Sir Alexander Ball. Is-Sindku spjega li l-Kunsill xtaq li jkollu t-tielet point tal-WiFi pero' dan ma kienx possibbli għaliex ma sibniex post fejn il-modem tal-internet jista' jitqiegħed.

10.2.4 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li ref punt 9.3.33 (Triq San Gwann) kien hemm is-sinjal fuq iż-żewġ naħat tat-triq. Is-Sindku spjega li minn naħa tal-ispiżjar kien hemm parkeġġ kbir li jesa' tul ta' karozza u nofs. Is-Sindku qal li dan il-parkeġġ issa ċċekken u tħalla lok għall-parkeġġ ta' vettura waħda biss sabiex jitnaqqas ftit mill-periklu.

Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla issuġġerixxa forsi ssir bankina mar-razzett li tibqa' ddur ma' Triq San Gwann. Il-Kunsill iddiskuta pero's-Sindku qal li l-Kunsill għandu jara kif ser immorru b'dan l-aħħar intervent. Il-Kunsill qabel.

10.2.5 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li ref punt 9.3.32 għandha ssir Reserved *Parking Bay* u mhux *Keep Clear*.

10.2.6 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet ref punt 9.6.2 għandha tmur il-kelma din.

10.2.7 Is-Sindku qal ref punt 9.6.3. (attivita' tal-Milied bil-għajnuna tar-Reġjun Nofsinhar), flimkien mal-Kunsilliera Joanna Abdilla kien attenda laqgħa mal-Kappillan flimkien ma' persuna li tirrapreżenta Safi Drama Group u l-Kor Sine Macula. Is-Sindku spjega xi punti kif kienet ippjanata l-attivita'. Huwa qal li l-Kunsill kien se jressaq il-proposti tiegħu lil Reġjun Nofsinhar sal-aħħar ta' Ottubru. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li l-Kuncert tal-Milied isir dejjem pero' jekk il-Kunsill jikseb il-fondi nkunu f'pozizzjoni li ntellgħu attivita' akbar.

10.3 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

10.3.1 Is-Sindku għarraf lil Kunsill sabiex għal issa ma jippjanaw xejn għal nhar il-Ġimgħa 12 ta' Novembru sabiex ikunu jistgħu jattendu għall-ftuħ uffiċċjali taċ-Ċentru tad-Dimensja. Huwa qal li l-probabbilita' li din id-data tiġi posposta u li kien ser iżomm lil kulħadd infurmat bid-data.

10.3.2 Is-Sindku qal li kellu laqgħa ta' informazzjoni fuq il-*community policing* fejn l-ispettur *in charge* ta' sessjoni ta' informazzjoni kif ser taħdem is-sistema tal-community policing li kif imhabbar waqt id-diskors tal-budget għandha tiddaħħal f'Ħal Safi matul is-sena 2022. Is-Sindku ta d-dettalji li kellu sa issa lill-Kunsill u saret diskussjoni.

10.3.3 Is-sindku qal li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand Rush Atlethic Club sabiex jagħti l-kunsens sabiex it-tellieqa Safi 5K issir fil-5 ta' Diċembru. Is-Sindku qal li t-tlielaq din is-sena kienu ser isiru b'differenza minħabba r-restrizzjonijiet tal-Covid-19. Il-Kunsill qabel.

10.3.4 Is-Sindku talab lill-kunsilliera sabiex jipprovdu ritratt u deskrizzjoni qasira sabiex tidħol bħala deskrizzjoni tal-kunsill minħabba l-*mobile app*. Huwa qal li kien fadal xi ċaqlieq u li qabel isiru dawn it-tibdiliet il-Kunsill ma kienx ser jagħmel promozzjoni tal-istess *app*.

10.3.5 Is-Sindku qal li bħal dan iż-żmien kulħadd jibda jaħseb sabiex isir iż-żbir tas-siġar. Huwa stieden lill-Kunsilliera jagħtu s-suġġerimenti tagħhom fejn tinħass il-ħtieġa sabiex isir dan. Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla ssuġġerixxa li jsir iż-żbir fejn iċ-ċimiterju fi Triq Ta' Rqajja.

Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus ġie skużat mil-laqgħa 17:57 u rritorna 17:59.

10.3.6 Is-Sindku qal li fil-laqgħa preċidenti l-Kunsill kien qabel li jeħlu żewġ bankijiet fi Triq il-Kuċċard. Huwa qal li fil-garaxx kien hemm żewġ bankijiet li kienu addattati għal dan il-post. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-bankijiet għandhom jitwaħħlu jħarsu lejn l-egħlieqi. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li fil-qrib għandu jeħel *bin* sabiex min jagħmel użu mill-bankijiet ikun jista' jarmi xi skart li jista' jkollu.

10.3.7 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva talba f'isem l-Iskola San Benedittu sabiex jagħmlu użu mis-sala tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

10.3.8 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li dalwaqt kien ser ikollu l-permessi meħtieġa sabiex isir l-*picnic area* u d-*dog park* fiż-żona Ta' Ġawhar. Is-Sindku spjega li minn naħa tal-Ministeru tal-Enerġija, Intrapriża u Żvilupp sostenibbli li se jkunu qed jiffinanzjaw il-proġett permezz ta' Parks Malta, kienu qed jitolbu li l-Kunsill sabiex jissuġġerixxi isem lil dan il-ġnien. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-isem għandu jkun jirrifletti l-area ta' fejn qiegħed għalhekk qablu li jissemma' *Ġnien Ta' Ġawhar*.

10.4 **Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

10.4.1 Il-Kunsiller Joanna Abdilla qalet li min naħa tal-Mentoring kienu qassmu l-flyer kif ukoll reklam fuq facebook page. Hija qalet li jekk isir reklam bħala Kunsill jista' jkun li inqajmu aktar kuxjenza. Il-Kunsill qabel.

Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li minn naħa tal-Parkinsons kienu qed juru x-xewqa li jerġgħu jibdew jagħmlu użu mis-sala. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li idealment nħallu l-istess ħin u ġurnata bħal qabel jiġifieri t-Tnejn mis-6:30pm sat-8:00pm. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna naraw s-*schedule* tas-sala qabel nikkonfermaw.

10.4.2 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li kellha talba sabiex jerġgħu jibdew l-eżercizzji fiżiċi. Il-Kunsill qabel li għandna nibagħtu lil Health Promotion sabiex naraw jistgħux isiru l-klassijiet bla ħlas għar-residenti.

10.4.3 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li l-bandli kien qed ikun naqra mudlam.

10.4.4 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li l-għada tal-laqgħa kienet ser issir konferenza rigward il-policies taż-żgħażagħ.

10.4.5 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li ħdejn id-dog park kien hemm ħafna skart mormi. Is-Sindku kkonferma li kien inġabar.

10.4.6 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal li huwa kien jaf b'persuni li jagħtu l-lezzjonijiet taz-zumba u line dancing minħabba t-talba tal-Kunsilliera Joanna Abdilla. Saret diskussjoni bejn il-Kunsilliera u qablu li għaz-zumba tikkordina ma persuna l-Kunsilliera Joanna Abdilla filwaqt li l-Kunsillier Mark Cocker jikkordina għal line dancing.

10.4.7 Il-Kunsillier s-Sur Mark Cocker staqsa rigwar l-Ilmijiet ta' Triq San Pawl. Is-Sindku qal li kien tkellem mal-Perit li kkonferma li l-linji tat-triq ma nbiddlux.

10.4.8 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li kien xtara xi ftit pjanti li kien tħawlu f'Misraħ Santa Marija u fuq iz-zuntier. Il-Kunsill feraħ lill-Kunsillier għal din l-inizjattiva għaliex veru kienu ġew sbieħ.

10.4.9 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa kif kienu qed imorru l-ħaddiema tal-Kunsill bil- knis. Is-Sindku qal li kellhom jwaqqafhom mill-knis minħabba li kien hemm bżonn isir il-ħrit tal-ġonna u s-soft areas.

10.4.10 Il-kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li xi laqgħat qabel kienu qablu li nagħmlu inizjattiva mal-iskola primarja sabiex jinżergħu ż-żrieragħ li tqassmu fid-djar. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nikkordinaw mal-iskola.

10.4.11 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li fi Triq Xandru Farrugia in-naħa l-magħluqa kien hemm rokna imbarazz.

10.4.12 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li il-kennies ma kienx qiegħed jiknes il-pavimentar fi Sqaq San Pawl.

10.4.13 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li waħda mit-tabelli li konna waħħalna kienet bi żball.

10.5 **Rapporti**

**Approvazzjoni tal-Financial Statements 2020**

Is-Segretarju Eżekuttiv tat kopja tal-financial statements 2020 lill-Kunsilliera. L-Accountant tal-Kunsill spjegat lil Kunsill kif bil-proċedura li kienu ġew ikklassifikati l-pagamenti ta' Ġnien Sir Alexander Ball bħala spejjeż rikorrenti, issa l-Kunsill kien ser jispiċċa jagħmel deficit minflok surplus. Il-Kunsill iddiskuta din il-kwistjoni u qabel li għandna nibgħatu kjarifika lid-Dipartment. Il-Kunsill approva il-financial statements 2020 sabiex jintbagħtu lil Awdituri.

10.6 **Attivitajiet tal-Milied**

10.6.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien diġa ddiskuta' l-kunċert tal-Milied u għandna nistennew ir-risposta minn Reġjun Nofsinhar.

10.6.2 Is-Sindku qal li din is-sena l-Kunsill kellu problema sabiex jorganizza l-ikla tal-anzjani fis-sala tal-iskola minħabba l-pandemija. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li din is-sena l-ikla għandha ssir ġo lukanda, issir nhar il-Ħadd 9 ta' Jannar u jinbidel l-prezz li jħallsu l-anzjani.

10.6.3 Is-Sindku qal li bħal dejjem il-Kunsill kien joħroġ Leħen il-Kunsill għal żmien il-Milied. Il-Kunsill qabel li għandna noħorġu l-fuljett.

10.6.4 Is-Sindku staqsa jekk il-Kunsill kienx ser jerġa' jieħu ħsieb li jsir l-armar tal-Milied fil-pjazza. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għal issa l-Kunsill jitlob għal tlett kwotazzjonijiet.

10.6.5 Is-Sindku staqsa jekk kienx jaqbel li jsir il-party tal-Milied għat-tfal. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li minħabba s-sitwazzjoni tal-Covid 19 ikun aħjar jekk ma jsirx.

10.7 **Performance tal-Ħaddiema taħt l-Iskema CWSEF**

Il-Kunsill iddiskuta l-performance tal-ħaddiema taħt l-iskema CWSEF. Is-Sindku ssuġerixxa li l-Kunsill għandu jagħtihom performance bonus bir-rata applikabbli għal bejn 71% u 80%. Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla ssekondah. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.8 **Approvazzjoni Slow Streets – Traffic Management Plan**

Is-Sindku spjega lil Kunsill li kien tkellem mal-Perit responsabbli minn Slow Streets. Is-Sindku qal li l-Perit kien qed jissuġerixxi li l-ideal il-Kunsill japrova t-traffic Management Plan u pjan tar-rotta tal-linja ġdida li tiġi ppreżentat lil Transport Malta imbagħad wara jsir konsultazzjoni mar-Residenti. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.9 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

10.10 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-Laqgħa ntemmet fis-8.25pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar l-Erbgħa 24 ta' Novembru, 2020, fil-5.00pm.

Johan Mula
Sindku

Doris Baldacchino
Segretarju Eżekuttiv